# SAN PAWL U L-KARNIVAL

Nhar l-10 ta' Frar, f'pajjiżna niċċelebraw is-Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Hemm dak ir-rakkont famuż



li nsibu **fl-Atti tal-Appostli.** Nissuġġerilkom li taqraw **il-kapitli 27 u 28** tal-Atti. Xħin naqraw siltiet minn dawn il-kapitli fil-quddies, xi wħud ġisimhom jitla' xewk xewk, u bir-raġun.

Fl-10 ta' Frar kull Malti u Għawdxi jiftakar li l-identikit tal-Maltin fih ftit minn dak li ġabilna San Pawl.

Fl-10 ta' Frar inkunu għaddejjin bil-karnival u b'dak kollu li jġib miegħu. Ma ninsewx li iktar fil-fond mill-istorbju tad-daqq u l-qligħ kummerċjali, il-familja Nisranija fil-gżejjer Maltin tiċċelebra l-ġrajja drammatika tal-Magħmudija tal-ġens Malti.

***L-Arċipret Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**CINEMA4KIDZ:** dan is-Sibt 3 ta' Frar, ġewwa ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Jistgħu jattendu studenti minn year 3 sa year 7. Il-film jibda fil-5:30pm u jkun lest sas-7:15pm. Id-dħul għal din l-attività huwa b'xejn.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' għal-laqgħa nhar it-Tnejn 5 ta' Frar fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: Rużarju quddiem Ġesù Espost fl-4:00pm u wara Quddiesa. Kulħadd hu mistieden.

**QUDDIESA FIL-KAPPELLA TA' SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA:** nhar is-Sibt 10 ta' Frar fl-okkażjoni tal-festa tal-Appostlu Missierna San Pawl. Tibda fis-6:00pm.

**GRAZZI:** il-ġabra li saret waqt il-quddiesa tal-festa ta' San Blas kienet ta' €950. Din is-somma ngħatat lil Dar Arka f'Għajnsielem. Grazzi lill-voluntiera kollha speċjalment lill-komunità ta' San Blas li taw is-sehem tagħhom biex din il-quddiesa setgħet isseħħ.

Ġiet soru ġdida mill-Kenja biex tagħmel parti mill-komunità tagħna fin-Nadur. Jisimha **Sr Angeline Musembi**. Nagħtuha merħba bil-ferħ fostna.



**Fl-10 ta' Frar, Solennità ta' San Pawl, il-quddies fil-knisja jkun fil-ħinijiet bħal nhar ta' Ħadd.**

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am